7 ta' Frar, 1950
Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
**Nazzareno Attard** *versus* **Felice Fenech**

**Kapparra — Sekwestru Ġudizzjarju — Mandat.**

*Meta kapparra tiġi depożitata f'idejn terza persuna, **il-pożizzjoni ta' dik it-terza persuna hija analoga għal dik ta' sekwestratarju ġudizzjarju, li fil-limiti u għall-finijiet ta' l-inkariku lilu mogħti huwa, "durante munere", il-mandatarju tal-partijiet; u għalhekk huwa ma jistax ikun parti f'kawża bħala mandatarju ta' persuni li huma ġà personalment parti f'dik il-kawża.***

***Is-sentenza li tingħata bejn dawk il-partijiet mandanti tiegħu tagħmel stat anki għalih għall-finijiet tal-mandat minnhom riċevut; u d-dmir tiegħu huwa dak li jikkonsenja l-kapparra jew skond l-istruzzjonijiet li jagħtuh il-partijiet bil-kunsens komuni tagħhom, jew skond is-sentenza inappellabili tal-Qorti.***

*Għax dak id-depożitarju ebda nteress ieħor ma għandu ħlief dak li jħallas tajjeb; u għar-responsabilità tiegħu huwa biżżejjed li huwa jħallas il-kapparra skond kif hawn fuq ingħad.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li hu u l-konvenut ftehmu li l-attur kellu jittrasferixxi lill-konvenut il-ħanut tiegħu "Crown and Anchor Saloon Bar", Lascaris Wharf, Valletta, bil-prezz ta' £2,400 għall-avvjament; illi l-attur jikri dan il-ħanut minn għand il-Gvern Ċivili, u għalhekk il-ftehim kellu jiddependi mill-awtorizzazzjoni tal-Gvern Ċivili biex tiġi trasferita l-lokazzjoni u jiġi rikonoxxut il-konvenut; illi, kif jirriżulta mid-dokumenti, il-konvenut ġie mogħti l-fakoltà li jiġi rikonoxxut; talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut hu inadempjenti, il-konvenut jiġi kundannat iħallas il-kapparra miftehma bejn il-partijiet ta' £300 kull wieħed, b'kollox £600, depożitata f'idejn Paul Azzopardi, sensal f'din l-operazzjoni; b'riżerva għall-azzjoni għad-danni lilu kaġunati mill-konvenut għat-trasferiment u għan-nuqqas ta' qliegħ peress li hu naqas mix-xogħol stanti t-trasferiment. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-kapparra minħabba l-inadempjenza tiegħu;

*Illi l-kapparra "ex concessis" ġiet preventivament depożitata* f'idejn ċertu Paul Azzopardi;

Illi l-konvenut jippretendi li l-ġudizzju mhux komplet bla l-intervent ta' dan Azzopardi;

Illi l-pożizzjoni ta' Azzopardi hi analoga għal dik ta' sekwestratarju ġudizzjarju; u hu elementari li s-sekwestratarju ġudizzjarju, fil-limiti u għall-finijiet ta' l-inkariku lilu mogħti, hu "durante munere" l-mandatarju tal-partijiet (ara P.A. "Dr. Gulia vs. Ellul", 18 ta' Jannar 1911; P.A. "Busuttil vs. Camilleri", 27. 11. 24);

Illi għalhekk dan Azzopardi ma jistax ikun parti f'kawża bħala mandatarju ta' persuni li huma ġà personalment parti f'dik il-kawża;

Illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni qiegħda tiġi mitluba l-kundanna għall-ħlas tal-kapparra li qiegħda f'idejn Azzopardi, b'daqshekk ma jiġix leġittimat ebda nteress fl-istess Azzopardi; għaliex altru l-kundanna għall-ħlas, u altru l-eżekuzzjoni tagħha fuq id-depożitu f'idejn Azzopardi;

*Illi lanqas jista' jingħad li s-sentenza għal Azzopardi tkun* "res inter alios acta", għaliex bl-istess mod li sentenza mogħtija fil-kontestazzjoni tas-sekwestratarju ġudizzjarju, li għalih hu ekwiparabili Azzopardi, tagħmel ġudikat kontra l-interessati fil-beni amministrati mill-istess sekwestratarju (sent. P. Awla "Calleja Cortis vs. Scicluna", 2 ta' April 1883), hekk ukoll sentenza bejn iż-żewġ mandanti ta' Azzopardi tagħmel stat għalih għall-finijiet tal-mandat minnhom riċevut;

Illi, kif sewwa rrileva l-awtur Berriot-Saint-Prix, f'materja ta' interess ġudizzjarju *hemm bżonn li dan l-interess ikun* jew "ad defensionem" jew "ad offensionem". F'dan il-każ id-depożitarju tal-kapparra la għandu nteress "ad defensionem" b'mod li jieħu l-parti tal-konvenut, u lanqas għandu l-interess "ad offensionem" b'mod li junixxi ruħu ma' l-attur kontra l-konvenut. Infatti dan id-depożitarju hu l-mandatarju tat-tnejn għall-finijiet tal-konservazzjoni tal-kapparra, u ma għandu ebda nteress li jieħu l-parti tal-wieħed jew ta' l-ieħor, jew li jikkumbatti lit-tnejn (ara anki Galdi — Commentario Cod. Civ., Vol. IV, paġ. 270);

Illi d-dmir ta' Azzopardi hu li jħallas il-flus tal-kapparra jew kif jagħtuh istruzzjonijiet il-partijiet bil-kunsens komuni tagħhom, jew, każo maj tinqala', kif inqalgħet, kwistjoni, skond is-sentenza inappellabili tal-Qorti. Ebda nteress ieħor ma għandu ħlief li jħallas tajjeb, ċjoè jew skond ma jgħidulu d'akkordo ż-żewġ mandanti tiegħu, jew kif ikun deċiż mill-Qorti b'sentenza li tgħaddi ġudikat. Għar-responsabilità tiegħu hu biżżejjed għalih li jħallas skond kif fuq ingħad;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-preġudizzjali ta' l-irritwalità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż definitivament kontra l-konvenut eċċipjent;

Il-kawża tibqa' għall-kontinwazzjoni tagħha għall-1 ta' Marzu 1950.